



Il-Kummissjoni
Ewropea

Dokument ta' riflessjoni **dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni**





Il-Kummissjoni Ewropea
COM(2017) 240 tal-10 ta' Mejju 2017.

Rue de la Loi / Wetstraat, 200
1040 Bruxelles/Brussels
+32 2 299 11 11



Frans Timmermans

*L-Ewwel Viċi President
Regolamentazzjoni Aħjar:
Ir-Relazzjonijiet
Interistituzzjonali,
l-Istat tad-Dritt u l-Karta
tal-UE tad-Drittijiet
Fundamentali*



Jyrki Katainen

*Viċi President
Impjiegi, Tkabbir,
Investiment
u Kompetittività*

DAĦLA

Fl-1 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa. Din hija l-punt ta' tluq għal dibattitu onest u wiesa' dwar il-futur tal-Unjoni b'27 Stat Membru. Biex tkompli tikkontribwixxi għad-diskussjoni, il-Kummissjoni Ewropea qed tippreżenta għadd ta' dokumenti ta' riflessjoni dwar suġġetti ewlenin li se jiddefinixxu s-snin li ġejjin.

Dan id-dokument dwar il-ġestjoni tal-globalizzazzjoni huwa t-tieni wieħed mis-sensiela. Għandu l-għan li jivvaluta b'mod ġust u abbażi tal-evidenza xi tfisser il-globalizzazzjoni għall-Ewropa u għall-Ewropej.

Ħafna Ewropej, partikolarment iż-żgħażaġħ, jirrealizzaw kemm il-konnessjoni ma' nies f'pajjiżi u kontinenti oħrajn tista' ttejbilhom ħajjithom. U jagħmlu sew – madwar terz mid-dħul nazzjonali tagħna ġej mill-kummerċ mal-bqija tad-dinja.

Iżda ħafna Ewropej huma inkwetati wkoll. Jaraw il-globalizzazzjoni sinonima mat-telf tal-impjiegi, mal-inġustizzja soċjali jew ma' standards ambjentali, ta' saħħa u ta' privatezza baxxi. Iqisuha bħala fattur fl-erożjoni tat-tradizzjonijiet u tal-identitajiet. Jinħtieġ li dan it-tfassib jiġi indirizzat. U dan nistgħu nagħmluh biss billi nikkonfrontaw dawn il-kwistjonijiet b'mod miftuħ. Id-dibattitu

jagħmilna aktar b'saħħitna u mgħammra aħjar biex inwasslu tweġibiet sostenibbli u ġusti li jindirizzaw l-aspirazzjonijiet tal-Ewropej.

Illum il-ġurnata, aktar minn qatt qabel, il-kwistjonijiet lokali jsiru globali, u l-kwistjonijiet globali jsiru lokali. Filwaqt li l-globalizzazzjoni taffettwa kważi kull aspett ta' ħajjitna, iċ-ċittadini u-reġjuni tagħna jesperjenzaw dawn l-iżviluppi b'mod differenti ħafna.

Għaldaqstant, wasal iż-żmien li nikkunsidraw x'tista' tagħmel l-UE biex issawwar il-globalizzazzjoni skont l-interessi u l-valuri kondiviżi tagħna. Wasal iż-żmien li nistaqsu x'nistgħu nagħmlu biex nipproteġu, niddefendu u nemanċipaw liċ-ċittadini Ewropej, speċjalment dawk l-aktar dgħajfa. Wasal iż-żmien li naqblu dwar kif l-UE – mill-istituzzjonijiet tagħha, sal-Istati Membri, ir-reġjuni, il-muniċipalitajiet, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili inġenerali, in-negozji, l-universitajiet – u s-sħab internazzjonali tagħha jistgħu jingħaqdu flimkien biex jieħdu r-riedni tal-globalizzazzjoni f'idejhom.

10 ta' Mejju 2017

Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea

“L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċa sfidi mingħajr preċedent, kemm globali kif ukoll domestiċi: kunflitti reġjonali, terroriżmu, pressjonijiet migratorji dejjem akbar, protezzjoniżmu u inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi. Flimkien, aħna determinati li nindirizzaw l-isfidi ta' dinja li qed tinbidel rapidament u li noffru liċ-ċittadini tagħna kemm is-sigurtà kif ukoll opportunitajiet ġodda. Ser nagħmlu l-Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti, permezz ta' unità u solidarjetà saħansitra akbar fostna u r-rispett għar-regoli komuni. L-unità hija kemm neċessità kif ukoll l-għażla ħielsa tagħna. Individwalment, kieku ningħataw il-ġenb mid-dinamika globali. L-aħjar mod biex ninfluwenzawha, u niddefendu l-interessi u l-valuri komuni tagħna, huwa billi nkunu spalla ma' spalla ma' xulxin.”

Ruma, il-25 ta' Marzu 2017



“Li nkunu Ewropej tfisser ukoll li nkunu miftuħa u ninnegożjaw mal-ġirien tagħna, minflok ma niġġieldu magħhom. Tfisser li nkunu l-akbar blokk ta' negozjar fid-dinja, bi ftehimiet kummerċjali fis-seħħ jew li qed jiġu negozjati ma' aktar minn 140 sieħeb madwar id-dinja.

U dan il-kummerċ ifisser impjieg – għal kull €1 biljun li ndaħħlu mill-esportazzjonijiet, jinħolqu 14,000 impjieg addizzjonali fl-UE kollha. U aktar minn 30 miljun impjieg, jiġifieri wieħed minn kull sebgħa impjieg fl-UE, illum jiddependu fuq esportazzjonijiet lejn il-bqija tad-dinja.”

*Jean-Claude Juncker
President tal-Kummissjoni Ewropea
Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, l-14 ta' Settembru 2016*

WERREJ

1. EVALWAZZJONI TAL-GLOBALIZZAZZJONI U L-EFFETTI TAGĦHA	6
1.1. Il-globalizzazzjoni mhijiex fenomenu ġdid iżda qed tinbidel b'mod rapidu	6
1.2. Hija forza pożittiva għall-bidla... ..	7
1.3. ... iżda ġgħib magħha sfidi wkoll	8
2. ĦARSA 'L QUDDIEM	10
2.1. Il-globalizzazzjoni se tkun tidher differenti ħafna sal-2025	10
2.2 ... u se kollha nirreżistu t-tentazzjonijiet tal-iżolazzjoniżmu jew l-inazzjoni	12
3. IR-RISPOSTA ESTERNA TAL-EWROPA: IL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI BIEX TISSAWWAR IL-GLOBALIZZAZZJONI, ID-DIPLOMAZIJA EKONOMIKA U L-ISTRUMENTI LI JASSIGURAW KUNDIZZJONIJET EKWI	13
3.1. L-UE diġà hija forza għal ordni globali aktar ġust... ..	13
3.2. ... iżda għandu jsir aktar fil-futur	13
3.3. ... u l-UE għandha tagħxi biex terġà ġgħib kundizzjonijiet ekwi	15
4. IR-RISPOSTA INTERNA TAL-EWROPA: IL-BINI TA' REŻILJENZA PERMEZZ TA' KONDIVIŻJONI AĦJAR TAL-BENEFIĊĊJI U PROMOZZJONI TAL-KOMPETITTIVITÀ FIT-TUL	16
4.1. Il-politiki soċjali u ta' edukazzjoni robusti huma essenzjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza u d-distribuzzjoni ġusta tal-ġid... ..	16
4.2 ... filwaqt li jenħtieġu sforzi kbar biex l-Ewropa ssir ekonomija kompetittiva u innovattiva... ..	17
4.3. ... fi sħubija mill-qrib ma' reġjuni b'aktar setgħa	19
5. KONKLUŻJONI	21

1. EVALWAZZJONI TAL-GLOBALIZZAZZJONI U L-EFFETTI TAGĦHA

1.1. Il-globalizzazzjoni mhijiex fenomenu ġdid iżda qed tinbidel b'mod rapidu

L-interazzjoni globali ilha s-sekli ssir, u tirrifletti istint uman biex jinstabu opportunitajiet ġodda, jiġu skoperti nies u postijiet ġodda, u jiġu skambjati ideat u oġġetti. Il-muturi ewlenin tal-globalizzazzjoni kienu l-kummerċ tal-oġġetti u l-flussi ta' kapital. Illum il-ġurnata, b'riżultat tat-tibdil teknoloġiku rapidu, kulma jmur dejjem qed issir aktar ibbażata fuq l-għarfien.


Suċċessi bħalma huma l-internet u l-prominenza ikbar ta' ekonomiji emerġenti komplew jaċċelleraw l-iskambji globali u ttrasformaw in-natura tagħhom. Ħafna mill-prodotti ma għadhomx isiru f'pajjiż wieħed biss iżda huma "magħmulin fid-dinja". Jinkorporaw materji primi,

komponenti, teknoloġiji u servizzi li ġejjin minn pajjiżi u kontinenti differenti. Smartphones jew apparat mediku jistgħu jitfasslu fl-Ewropa jew fl-Istati Uniti tal-Amerka u magħquda flimkien fl-Asja jew fl-Ewropa tal-Lvant minn partijiet li jkunu saru post ieħor. Il-ktejjien tal-provvisti saru ħaġa globali.

Filwaqt li l-kummerċ kien responsabbli għal inqas minn 20 fil-mija tal-PDG dinji fil-bidu tas-snin 70, issa jirrappreżenta madwar nofs. U anke jekk il-kummerċ tradizzjonali tal-oġġetti qed jistabbilizza ruħu b'mod ġenerali, forom oħrajn ta' skambju, bħall-flussi tad-dejta, għadhom qed jikbru b'mod esponenzjali. L-istimi juru li b'qafas xieraq, il-valur tal-ekonomija xprunata mid-dejta se jiżdied għal EUR 739 biljun sal-2020, u dan jirrappreżenta 4 % tal-PDG ġenerali tal-UE, li aktar minn jirdoppja l-valur tal-lum.


Fl-istess ħin, id-dinja qed tiffaċċja aktar u aktar sfidi transnazzjonali, minn flussi migratorji bla preċedent,

Grafika 1: Il-fażijiet tal-globalizzazzjoni



Sors: il-Kummissjoni Ewropea (2016), Klasing and Milonis (2014), il-Bank Dinji (2017), adattat minn NBER Macrohistory Database

Grafika 2: Ir-realtà tal-lum hija globali



Nota: dejta għall-2016 jew l-aħħar disponibbli (2015)

Sors: McKinsey Global Institute, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu, l-OECD, il-Kummissjoni Ewropea

għal theddid terroristiku, kriżijiet finanzjarji, pandemiji ta' saħħa jew tibdil fil-klima. Saħansitra l-akbar u l-aktar pajjiżi sinjuri ma għadx għandhom il-kapaċità li jindirizzaw l-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw waħidhom. Fid-dinja tal-lum, il-kooperazzjoni globali kulma jmur dejjem qed issir aktar essenzjali.

1.2. Hija forza pożittiva għall-bidla...

Dinja aktar konnessa ġabet magħha opportunitajiet ġodda. Illum il-ġurnata n-nies jivvjaġġaw, jaħdmu, jitgħallmu u jgħixu f'pajjiżi differenti. Jinteraġixxu ma' xulxin fuq l-internet, jaqsmu l-ideat, il-kulturi u l-esperjenzi tagħhom ma' xulxin. L-istudenti għandhom aċċess għal korsijiet onlajn ġestiti mill-aqwa universitajiet madwar id-dinja. Il-pajjiżi jistgħu jipproduċu aktar b'inqas spejjeż billi jispeċjalizzaw f'dak li jagħmlu l-aħjar u jisfruttaw l-ekonomiji ta' skala fis-swieq globali. Il-kompetizzjoni internazzjonali, l-azzjoni klimatika globali, il-kooperazzjoni xjentifika u l-iskambju tal-ideat stimulaw il-kreattività u aċċelleraw l-innovazzjoni. Il-kumpaniji attivi fis-swieq internazzjonali baqgħu kompetittivi għax jitgħallmu jadattaw aktar malajr¹.

L-esportazzjonijiet Ewropej żdiedu minħabba li l-klijenti madwar id-dinja jirrikjedu l-oġġetti u s-servizzi ta' kwalità

għolja li nipprovdu. L-ajruplani, il-karozzi ta' lussu, il-magni industrijali, il-prodotti kożmetiċi u għall-kura tas-saħħa, l-ilbies ta' livell għoli u l-ikel ta' kwalità huma mfittxija ħafna. Flimkien mas-servizzi ta' konsultazzjoni, tal-inġinerija jew tat-trasport li nipprovdu, dawn jikkontribwixxu għal esportazzjonijiet tal-UE b'saħħithom li ammontaw għal EUR 1 746 biljun fl-2016 u jappoġġjaw impjiegi b'paċi għoljin. Kull biljun euro ta' esportazzjonijiet jappoġġjaw 14 000 impjieg. Mhumiex biss il-kumpaniji l-kbar li jibbenefikaw: aktar minn 80 % tal-esportaturi Ewropej huma SMEs².

SME Taljana tbigħ magni ta' tindif bi preċiżjoni lil klijenti fl-industrija ajruspazjali, mediċi jew lussużi fl-Ewropa, fl-Iżrael, fiċ-Ċina jew fl-Indja. Timpjega għexieren ta' ħaddiema fir-reġjun ta' oriġini tagħhom, u tikkontribwixxi għall-ekonomija lokali permezz tal-katina ta' provvista u l-pagamenti tat-taxxa tagħhom.

Kontributi orħos u teknoloġiji ġodda impurtati minn barra wkoll jagħmlu l-kumpaniji tagħna aktar kompetittivi, u għaldaqstant jgħinu biex jinżammu l-impjiegi fl-UE. Sabiex tiffunzjona, l-ekonomija Ewropea teħtieġ materji primi, oġġetti kapitali u komponenti li jammontaw għal 80 % tal-importazzjonijiet tal-UE.

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, 2010, Rapport dwar l-Internazzjonalizzazzjoni tal-Impriżi ta' Daqs Żgħir u Medju.

² Kummissjoni Ewropea, 2015, "EU exports to the world: effects on employment and income"


L-importazzjonijiet jipprovdu wkoll lill-konsumaturi Ewropej b'aktar għażla u prezzijiet aktar baxxi. Dawn jgħinu biex jogħlew l-istandards tal-għajxien u jagħtu spinta lill-kapaċità tal-akkwist, speċjalment għall-unitajiet domestiċi bi dħul baxx li jikkunsmaw aktar oġġetti u servizzi bħala sehem mid-dħul tagħhom. Illum il-ġurnata ħafna mill-Ewropej għandhom aċċess għal smartphones, kompjuters, ħwejjeġ, ikel, kura medika u trasport affordabbli, għalkemm dawn ma kinux disponibbli għal ġenerazzjonijiet preċedenti.

L-investiment dirett barrani huwa sors ewlieni ta' kapital u ta' trasferiment tat-teknoloġija. Ħafna nies minn barra mill-UE integraw b'suċċess fis-soċjetajiet tagħna. Melew lakuni kritiċi fil-forza tax-xogħol, mill-kura għall-anzjani, għax-xogħol agrikolu jew ir-riċerka speċjalizzata u l-iżvilupp tal-prodotti.

Il-kost għoli u l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, it-tkabbir tal-popolazzjoni u t-tniġġis waslu lill-ekonomiji emerġenti biex jibiegħdu malajr mill-karburanti fossili u jiżviluppaw aktar teknoloġiji tal-enerġija nadifa u effiċjenti fir-riżorsi, li jirriżultaw fi standards ambjentali ogħla.

Il-ftuħ tal-kummerċ globali xpruna t-tkabbir ekonomiku tal-UE, u għolla l-prosperità u għen biex nibqgħu kompetittivi³. Is-sehem tal-UE ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti globali għadu ogħla minn 15 % wara li naqas ftit mill-bidu tas-seklu u ċ-Ċina tfaċċat bħala

Grafika 3: L-iktar ekonomiji miftuħa tal-UE għandhom inqas inugwaljanza



Nota: L-aħħar dejta disponibbli (2012)
Distribuzzjoni ta' introjtu bejn individwi permezz tal-koeffiċjenti Gini fejn 0 jirrappreżenta ugwaljanza perfetta
Ftuħ kummerċjali bħala sehem ta' importazzjoni u esportazzjoni tal-PDG

Sors: il-Bank Dinji (2017)

³ FMI, il-Bank Dinji, WTO (2017) Making Trade an Engine of Growth for All. The Case for Trade and for Policies to Facilitate adjustments.

membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u forza tal-esportazzjoni. Uħud mill-Istati Membri tagħna li huma l-aktar integrati fil-ktajjen tal-provvista globali għandhom ukoll kemm dħul għoli kif ukoll inugwaljanza iktar baxxa. Dan is-suċċess ipprova riżorsi li jappoġġjaw il-mudell soċjali tagħna u jipproteġu l-ambjent.


Il-globalizzazzjoni kellha effetti pożittivi simili madwar id-dinja⁴. Għenet lil mijiet ta' persuni joħorġu mill-faqar u ppermettiet lill-pajjiżi l-fqar biex ilaħħqu. Kellha rwol importanti biex iżżid l-istabbiltà, id-demokrazija u l-paċi. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU pprovdew qafas globali biex jiġi indirizzat il-faqar, jiżiedu l-istandards tal-għajxien fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp – ultimament joħolqu wkoll swieq tal-esportazzjoni tal-futur. L-għoti ta' prospettiva ta' futur sostenibbli u prosperu lokalment jgħin ukoll biex jitnaqqsu u jiġu ġestiti l-flussi migratorji illegali lejn l-Ewropa.

1.3. ... iżda għib magħha sfidi wkoll

Fl-istess ħin, il-globalizzazzjoni għib ukoll sfidi magħha. Il-benefiċċji tagħha huma mifruxin b'mod inugwali fost in-nies u r-reġjuni, u wħud minnhom huma inqas kapaċi jadattaw għat-tibdil u għall-kompetizzjoni minn oħrajn. F'dawn l-aħħar deċennji, ħafna pajjiżi – kultant b'paċi, standards ambjentali, jew taxxi iktar baxxi – komplew jikkompetu iktar mal-Ewropa f'segmenti tal-industrija

Grafika 4: Kuljum, iktar persuni madwar id-dinja joħorġu minn faqar estrem

Faqar estrem huwa meqjus bħala għajxien b'inqas minn \$1,90 kuljum



Nota: Ir-rata ta' kuljum internazzjonali tad-dollaru hija aġġustata għad-differenzi fil-prezzijiet bejn il-pajjiżi u għad-differenzi fil-prezzijiet matul iż-żmien (inflazzjoni)

Sors: Max Roser ibbażat fuq il-Bank Dinji (2017) u Bourguignon and Morrisson (2002)

⁴ OECD (2017), Key Issues Paper : Making Globalisation Work ; Better Lives For All, C(2017)32,

b'kompetenzi baxxi u valur miżjud baxx. Il-fatt li pajjiżi oħrajn mhux kollha jikkondividu l-istess standards tal-għajxien, soċjali, ambjentali, fiskali u standards oħrajn bħall-Ewropa jfisser li l-kumpaniji jistgħu jużaw dawn id-differenzi għall-vantaġġ kompetittiv tagħhom. Dan wassal għal għeluq ta' fabbriki, telf ta' impjiegi jew pressjoni 'l isfel fuq il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Il-kumpaniji li mhumiex kapaċi jikkompetu ma' kontropartijiet aktar produttivi jew irħas jagħlqu, u jħallu impatt deġġieni fuq dawk li jiġu ssensjati, il-familji tagħhom u r-reġjun kollu kemm hu.

Ċerti kumpaniji barranin u gvernijiet kienu involuti fi Prattiki kummerċjali inġusti. L-industriji Ewropej bħal tal-azzar u tal-bini tal-bastimenti ġarrbu ħsarat minħabba importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' "dumping" u li huma marbuta ma' sussidji pubbliċi u kapaċi ta' żejda f'ċerti pajjiżi terzi. Pajjiżi oħrajn igawdu minn benefiċċji tal-ftuħ internazzjonali permezz ta' żieda fl-esportazzjonijiet, iżda jonqsu milli jirreċiprokaw u jżommu l-ekonomija domestika tagħhom magħluqa għall-kumpaniji barranin.

Barra minn hekk, kumpaniji kbar jistgħu jibbenefikaw minn lakuni fir-regoli internazzjonali u jittrasferixxu l-profitti lejn pajjiżi b'rata baxxa ta' taxxa minflok ma jħallsu t-taxxi fejn jipproduċu u jbigħu. Dawn l-istrategġiji jċaħħdu l-gvernijiet tal-UE mid-dħul mit-taxxa u jikkontribwixxu għall-inġustizzja u l-perċezzjoni tal-integrazzjoni globali tibbenefika biss lill-kumpaniji l-kbar u liċ-ċittadini sinjuri.


Taħlita ta' globalizzazzjoni u tibdil teknoloġiku żiedet id-domanda għal ħiliet speċjalizzati iżda naqqset l-għadd ta' impjiegi għal dawk b'livell aktar baxx ta' kwalifiki, partikularment fil-manifattura. Ħaddiema spustati jbatu biex isibu impjeg ġdid speċjalment meta dan ikun ifisser li jkollhom jakkwistaw ħiliet ġodda.

L-immigrazzjoni illegali ġeneralment xprunat l-ekonomiji tal-pajjiżi riċeventi u tista' tipprovdi lill-UE bil-ħiliet meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol. Madankollu, meta l-infrastruttura lokali u l-isforzi tal-integrazzjoni ma jlaħħqux maż-żieda fil-livell tal-migrazzjoni, dan jista' jwassal għal tensjonijiet soċjali fil-komunitajiet. B'mod partikulari, fil-pajjiżi u r-reġjuni li għandhom livelli għoljin ta' qgħad u esklużjoni, il-konegwenzi ekonomiċi u għas-soċjetà jistgħu jkunu ħafna filwaqt li l-marġinalizzazzjoni f'ċerti każi tista' twassal ukoll għar-radikalizzazzjoni.

Sakemm ma jkomplux jittieħdu passi attivi, hemm riskju li l-globalizzazzjoni taggrava l-effett ta' avvanzi

teknoloġiċi u l-kriżi ekonomika riċenti u tikkontribwixxi biex tkompli tkabbar l-inugwaljanzi u l-polarizzazzjoni

Grafika 5: L-opinjoni tal-Ewropej dwar il-globalizzazzjoni huma mħallta



Sors: Bertlesmann Stiftung u l-Kummissjoni Ewropea (2016)

soċjali. Matul l-aħħar għaxar snin, l-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi tal-klassi medja fl-UE u ekonomiji avvanzati oħra, fil-maġġor parti tal-każijiet staġna minkejja l-fatt li l-ekonomija kumplessivament kibret. Filwaqt li l-inugwaljanza fl-Ewropa tibqa' ferm inqas evidenti milli f'partijiet oħra tad-dinja, il-wieħed fil-mija l-aktar għonja tal-popolazzjoni tagħna għad għandhom 27 fil-mija tal-ġid totali⁵.

Bosta ċittadini jqisu li l-globalizzazzjoni theddet direttament l-identitajiet u t-tradizzjonijiet tagħhom għad-detriment tad-diversità kulturali u l-mod ta' għajxien tagħhom. Iċ-ċittadini huma anzjużi li ma jkunux jistgħu jikkontrollaw il-ġejjieni tagħhom u jħossu li l-prospetti tat-tfal tagħhom se jkunu agħar minn dawk tagħhom stess. Dan huwa dovut għall-fehma li l-gvernijiet ma għadx għandhom il-kontroll f'idejhom, li mhumiex kapaċi jew lesti li jsawru l-globalizzazzjoni u jimmaniġġjaw l-impatti tagħha b'mod li jgawdi minnu kulħadd. Din hija l-isfida politika li issa għandna niffaċċjaw.

⁵ Julius Baer, Wealth Report: Europe, Settembru 2014

2. ĦARSA 'L QUDDIEM

2.1. Il-globalizzazzjoni se tkun tidher differenti ħafna sal-2025

Għadna fil-fażi bikrija tat-trasformazzjoni fejn id-diġitalizzazzjoni, ir-robots, l-intelliġenza artifiċjali, l-internet tal-oġġetti, l-istampar 3D se jirrivoluzzjonaw il-mod kif nipproduċu, naħdmu, niċċaqalqu u nikkunsmaw.

Prattikament kull settur se jinbidel, bħal:

- **it-trasport** pereżempju, permezz ta' karozzi mingħajr sewwieqa u konnessi, vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ jew kondivizzjoni tal-karozzi,
- **l-enerġija** pereżempju permezz tal-grilji intelliġenti, l-enerġija rinnovabbli, il-ġenerazzjoni distribwita,
- **is-settur agroalimentari** pereżempju permezz ta' biedja li ma tagħmilx ħsara lill-klima, applikazzjonijiet biex titnaqqas il-ħela tal-ikel,
- **it-telekomunikazzjoni** pereżempju permezz ta' networks aktar b'saħħithom, realtà virtwali, post tax-xogħol diġitali,
- **id-distribuzzjoni** bl-importanza li qed tikber tal-kummerċ elettroniku,
- **is-servizzi finanzjarji** pereżempju permezz tal-banek u l-assigurazzjoni virtwali, jew tal-finanżjament kollettiv,

► **il-produzzjoni fil-fabbriki** permezz tal-awtomatizzazzjoni, jew

► **il-kura tas-saħħa**, pereżempju b'dijanjożi onlajn, żieda fil-mobbiltà transfruntiera ta' professjonisti mediċi.

L-awtomatizzazzjoni tagħmel il-kostijiet tax-xogħol anqas relevanti f'deċizzjonijiet dwar fejn tiġi lokalizzata l-produzzjoni. Dan fil-fatt jgħin biex xi manifattura titreġġa' lura lura lejn l-Ewropa kif osservat fis-Sorveljana tar-Rimpatriju fl-Ewropa⁶.

Fl-2016, produttur Ġermaniż magħruf ħafna ta' żraben sportivi rriloka l-produzzjoni ta' mudell speċifiku fil-Ġermanja f'fabbrica kompletament imħaddma mir-robots. Il-kumpanija biħsiebha tiftaħ aktar "speed factories" bħal dawn fl-Ewropa jew fl-Istati Uniti fil-ġejjieni.

Madankollu, kompiti sempliċi u repetittivi li jistgħu jiġu awtomatizzati se jisparixxu⁷. L-impjiegi li se jinħolqu u jinġiebu lura fl-Ewropa se jkunu differenti minn dawk li

⁶ <https://reshoring.eurofound.europa.eu/>


⁷ Skont l-estimi tal-OECD, bħala medja, madwar il-pajjiżi, 9 % tal-impjiegi jinsabu f'riskju għoli li jiġu awtomatizzati, filwaqt li għal ammont addizzjonali ta' 25 % tal-forza tax-xogħol, nofs il-kompiti se jinbidlu b'mod sinifikanti minħabba l-awtomatizzazzjoni.

Grafika 6: Il-globalizzazzjoni ilbieraħ u llum

Il-globalizzazzjoni sa issa	Xejriet li jbiddu l-globalizzazzjoni
 Flussi tanġibbli ta' oġġetti fiżiċi	 Flussi intanġibbli ta' servizzi u dejta
 Domanda għal iktar oġġetti u servizzi, u iktar diversità	 Domanda għal iktar prodotti bil-kummerċ ġust, sostenibbli, u lokali
 Ktajjen tal-Provvista Globali	 Ktajjen tal-Valur Globali
 Flussi primarjament bejn ekonomiji żviluppati	 Parteċipazzjoni ikbar minn ekonomiji emerġenti u bliet enormi
 Flussi xprunati minn stati u kumpaniji multinazzjonali kbar	 Rwol jikber ta' intrapriżi żgħir, parteċipanti mhux statali u individwi
 Tranżazzjonijiet faċilment monetizzati	 Żieda f'kontenut b'sors miftuħ u kondiviż
 Trasferiment ta' teknoloġija minn ekonomija żviluppati għal dawk emerġenti	 Trasferiment ta' teknoloġija fiż-żewġ direzzjonijiet

Sors: il-Kummissjoni Ewropea, McKinsey Global Institute, l-OECD

Grafika 7: Il-popolazzjonijiet barra l-Ewropa l-iktar li jikbru
F'biljuni ta' persuni



Sors: In-Nazzjonijiet Uniti (2015)

telqu snin ilu. L-isfida għall-Ewropa se tkun li tagħmel innovazzjonijiet f'teknoloġiji strateġiċi u li tgħin lill-ħaddiema biex jiksbu l-ħiliet adatti biex jiġi evitat li d-distakk li diġà jeżisti fis-suq tax-xogħol ikompli jitwessa'.

It-teknoloġiji diġitali u l-kummerċ elettroniku se jkomplu jżidu l-opportunitajiet transfruntieri saħansitra għall-iżgħar kumpaniji. Ħafna kumpaniji issa għandhom internazzjonalizzazzjoni bikrija u jilħqu xerrejja madwar id-dinja permezz tal-internet. Min-naħa l-oħra, xi pjattaformi onlajn kbar qed isiru dejjem aktar dominanti fis-suq bis-saħħa tal-kapaċità tagħhom li jintraċċaw u jżommu dejta personali. L-isfidi tal-ġestjoni tal-privatezza, il-protezzjoni tad-dejta, iċ-ċibersigurtà kif ukoll l-evitar tal-abbużi tas-saħħa fis-suq se jżidiedu.

Il-pajjiżi żviluppatti kienu minn ta' quddiem f'ħafna minn dawn it-teknoloġiji l-ġodda. Madankollu, kulma jmur, il-kompetizzjoni se tiġi dejjem iżjed minn ekonomiji emerġenti li qegħdin telgħin malajr fil-katina tal-valur. Hemm riskju li d-distakk bejn reġjuni teknoloġikament aktar avvanzati u daww anqas avvanzati jkompli jikber, sakemm il-gvernijiet ma jinvestux fl-edukazzjoni, ma jgħammrux liċ-ċittadini tagħhom bil-ħiliet xierqa, ma jhegħgħux l-innovazzjoni, ma jiżgurawx kompetizzjoni ġusta u ma jirregolamentawx b'mod intelliġenti fejn ikun meħtieġ.

Fl-2025, 61 % mill-popolazzjoni dinjija ta' 8 biljun ruħ se tkun fl-Asja, l-aktar fiċ-Ċina u fl-Indja. Is-schem relattiv tal-Ewropa tal-popolazzjoni dinjija se jonqos, bl-EU-27 li jammontaw għal 5.5 %. Dan jista' jwassal għal ordni dinjija multipolari b'setgħat differenti ta' politika, teknoloġija, ekonomija u militari. Iżda dan ifisser ukoll swieċ ġodda kbar għal kumpaniji Ewropej.

Jidher ċert li l-mobilità se tiżdied. Inqas minn 4 % tal-popolazzjoni dinjija bħalissa tgħix barra mill-pajjiż tat-twelid, biċ-ċifra saħansitra inqas għall-Ewropej⁸. Sal-2025 aktar nies se jkunu qed jiċċaqalqu. Iż-żieda fil-popolazzjoni taż-żgħażaġh fl-Afrika, l-instabbiltà fil-viċinat tagħna u bnadi oħra, u l-pressjoni dejjem tikber minħabba t-tibdil fil-klima, se jkomplu jimbuttaw lill-individwi u lill-familji sabiex ifittxu haġja aħjar u aktar sikura f'pajjiż barrani sakemm ma jsirux l-investimenti li jippromwovu ġeġjieni ta' paċi u ta' prosperità fil-pajjiżi ta' oriġini.

It-teknoloġiji għamli lin-nies aktar konxji minn opportunitajiet madwar id-dinja. Madankollu, huma wkoll jagħmluha aktar faċli biex in-nies jaħdmu mill-bogħod, inkluż f'pajjiż jew kontinent ieħor. Il-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol globali se tiddependi inqas fuq fejn in-nies jgħixu u aktar fuq il-ħeffa u l-kwalità tal-konnessjoni tal-internet tagħhom.

⁸ UNFPA

Dinja aktar interkonnessa se ġġib magħha opportunitajiet ġodda kif ukoll aktar theddidiet. Il-kriminali u t-terroristi se jkomplu jfittxu li jisfruttaw il-ftuħ akbar u jużaw teknoloġiji ġodda biex iwettqu kummerċ illeċitu jew ixerrdu l-mibegħda. Min-naħa l-oħra, aktar u aktar partijiet ikkonċernati – ċittadini, gruppi tas-soċjetà ċivili, in-negozji u l-muniċipalitajiet – ikunu jistgħu jinvolvu l-pari tagħhom fi kwalunkwe post madwar id-dinja u jaħdmu flimkien biex jgħinu jindirizzaw problemi komuni.

Networks ta' bliet jaħdmu flimkien biex jitgħallmu minn xulxin kif għandhom jiġġieldu t-tibdil fil-klima jew jintegraw ir-refuġjati li jkunu għadhom kif waslu; reġjuni jissiehu ma' kumpaniji privati biex jiżviluppaw pjanijiet ta' żvilupp progressivi; iċ-ċittadini jimmobilizzaw ruħhom onlajn biex juru s-solidarjetà tagħhom favur movimenti globali, bħalma huma favur id-**Dimostrazzjonijiet tan-Nisa** li saru fi bliet madwar id-dinja fil-21 ta' Jannar 2017.

2.2 ... u se kollna nirreżistu t-tentazzjonijiet tal-iżolazzjoniżmu jew l-inazzjoni

Bidliet assoċjati mal-globalizzazzjoni jistgħu jwasslu għal appelli lill-pajjiżi biex jiżolaw u jiproteġu rwieħhom minn dak li jkun qed jiġri madwarhom. Dan huwa partikolarment akut f'reġjuni li waqgħu lura. Uħud jridu jibnu l-ħitan u jagħlqu l-fruntieri. Fuq in-naħa l-oħra, hemm oħrajn li li kien għalihom il-globalizzazzjoni tagħmel tagħha bil-fehma li fl-aħħar mill-aħħar is-swieq li jirregolaw lilhom infushom jiżguraw l-aqwa riżultati.

Fid-dawl tal-kriżi ekonomika u r-reazzjonijiet negattivi tal-antiglobalizzazzjoni, diġà rajna ċaqliq lejn l-iżolament. In-negozjati multilaterali sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ baqgħu staġnati f'dawn l-aħħar għaxar snin u l-protezzjoniżmu qed jerġa' jitfaċċa⁹. Anki pajjiżi li tradizzjonalment kienu favur ekonomija globali miftuħa issa qegħdin jikkunsidraw modi biex iwaqqfu l-importazzjonijiet, jillimitaw l-immigrazzjoni u jiffavorixxu l-produzzjoni domestika. Dawn l-iżviluppi kollha kkontribwew għat-tnaqqis sinifikanti reċenti fit-tkabbir tal-kummerċ globali.

Madankollu, il-maġġoranza ta' ċittadini Ewropej tirrikonoxxi li¹⁰ l-protezzjoniżmu ma jiproteġix.

⁹ Ir-Rapport tad-WTO, l-OECD, l-UNCTAD wera' li mill-2008 l-hawn aktar minn 1 500 każ ġdid ta' restrizzjonijiet kummerċjali ġew irreġistrati fl-ekonomiji tal-G20. Huwa biss kwart minn dawn li kienu ġew irtirati sa Mejju 2016.

¹⁰ Parti kbira mill-Ewropej iħarsu lejn il-globalizzazzjoni bħala opportunità għat-tkabbir ekonomiku. Grupp saħansitra akbar huma fiduċjużi mill-ekonomija tagħhom. Sors: Ewrobarametru Standard 86, Ħarifa 2016.

Huwa jista' jipprovdi l-għajnuna fuq żmien qasir, iżda l-esperjenza turi li huwa qatt ma kellha suċċess dejjem, u li ta' spiss wassal għal eżiti diżastrużi¹¹. Eżempju ta' kawtela huwa d-Depressjoni l-Kbira tas-snin 1930 li kienet aggravata minn protezzjoniżmu għajn b'għajn, sinna b'sinna, u fl-aħħar mill-aħħar, ikkontribwixxa għal gwerra.

Jekk nagħlqu l-fruntieri tagħna, oħrajn se jagħmlu l-istess. Aħna kollha nkunu telliefa. Dan huwa speċjalment veru għall-Ewropa bl-integrazzjoni għolja tagħha fi ktajjen ta' valur mondjali. Il-protezzjoniżmu jfixkel il-produzzjoni u jżid l-ispejjeż u l-prezzijiet għall-konsumaturi. L-esportazzjonijiet Ewropej isiru anqas kompetittivi biex b'hekk jifgħu saħansitra aktar impjiegi f'riskju¹². Żieda ta' 10 % fir-restrizzjonijiet tal-kummerċ hija stmata li twassal għal telf ta' 4 % tal-introjt nazzjonali¹³. Aħna nitilfu l-aċċess għal prodotti, servizzi, teknoloġiji u ideat ġodda. Billi jolqot l-aktar lill-ifqar b'żidiet fil-prezzijiet, il-protezzjoniżmu jkollu l-effett oppost għal dak mixtieq¹⁴.

Biex jiġi evitat dan l-ispiral għan-niżla, huma meħtieġa istituzzjonijiet u regoli multilaterali biex jippermettu li l-pajjiżi jippromwovu soluzzjonijiet komuni b'mod konġunt f'dinja globalizzata. Dawn huma essenzjali biex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jirrikjedu azzjoni kollettiva, bħall-ekonomija globali, it-tibdil fil-klima jew l-evitar tat-taxxa. Mingħajrhom, il-pajjiżi u l-kumpaniji l-aktar b'saħħithom u l-inqas skruplużi jistgħu jimponu r-regoli u l-interessi tagħhom fuq daww aktar dgħajfa. Dan imur kontra l-valuri fundaturi tal-UE: il-kooperazzjoni, l-istat tad-dritt, id-drittijiet uguali u s-solidarjetà, li fuqhom l-UE hija mibnija.

Sabiex napprofittaw iktar mill-globalizzazzjoni, neħtieġu aktar governanza globali u regoli globali. U għandna bżonn napoġġawha b'politiki domestiċi li jagħtu spinta lill-kompetittività u r-reżiljenza tagħna domestikament. L-Ewropa issa trid tiddeċiedi kif se tagħmel dan.

¹¹ Esperimenti awtarkici tal-Unjoni Sovjetika, l-Albanija sas-snin 90, iċ-Ċina sas-snin 70, l-Arġentina bejn is-snin 70 u s-snin 2000 jew, aktar reċenti, il-Venezwela ma rnexxilhomx iwasslu għall-prospertà.

¹² Arto, Iñaki, José M. Rueda-Cantuche, Antonio F. Amores, Erik Dietzenbacher, Nuno Sousa, Letizia Montinari u Anil Markandya, "EU Exports to the World: Effects on employment and income", il-Kummissjoni Ewropea, 2015.

¹³ OECD (2003), "The Sources of Growth in OECD Countries", Pariġi.

¹⁴ Skont studju riċenti ta' 27 pajjiż Ewropej u 13-il pajjiż kbir ieħor, telf fl-introjt reali minn għeluq tal-kummerċ ikun 63 % għall-ifqar unitajiet domestiċi u 28 % għal daww l-aktar sinjuri minħabba li l-fqar jonfqu parti akbar mid-dħul tagħhom fuq il-konsum (sors: "Measuring the unequal gains from trade", Pablo D. Fajgelbaum u Amit K. Khandelwal, Quarterly Journal of Economics, Awwissu 2016).

3. IR-RISPOSTA ESTERNA TAL-EWROPA: IL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI BIEX TISSAWWAR IL-GLOBALIZZAZZJONI, ID-DIPLOMAZIJA EKONOMIKA U L-ISTRUMENTI LI JASSIGURAW KUNDIZZJONIJIET EKWI

3.1. L-UE diġà hija forza għal ordni globali aktar ġust...

Il-bini ta' ordni internazzjonali ġust ibbażat fuq ir-regoli ġusti, imsejjes fuq standards għoljin jeħtieġ kooperazzjoni bejn bosta pajjiżi b'interessi, kulturi u livelli ta' żvilupp differenti. L-għan hu li jiġu rrikonċiljati l-mezzi tal-globalizzazzjoni – il-ftuħ tas-swieq u l-progress teknoloġiku – flimkien mal-*għanijiet* tagħha – il-projezzjonijiet tad-drittijiet u l-benesseri akbar tal-bniedem.

Wara żewġ gwerer dinjija devastanti, il-Gvernijiet ħolqu n-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), il-Bank Dinji jew il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), li aktar tard sar l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Dawn l-istituzzjonijiet ġabu l-paċi, l-istabbiltà, il-fiduċja u l-prospertà lil bosta. L-interkonnnettività żdiedet u l-kummerċ globali spara 'l fuq.

Wara l-kriżi finanzjarja, il-gvernijiet tal-G20 qablu dwar programm koordinat biex jappoġġjaw l-ekonomija globali u regoli globali aktar robusti li jirregolaw is-swieq finanzjarji u l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa. L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha kienu approvati mill-membri kollha tan-NU fl-2015. Intlaħaq ukoll ftehim internazzjonali vinkolanti f'Pariġi biex ikun miġġieled it-tibdil fil-klima, li ta bidu għal proċess li se jtejjeb l-istandards ambjentali madwar id-dinja. Il-mexxejja fis-Summit tan-NU fl-2016 impenjaw ukoll irwieħhom li jiżviluppaw politika globali għall-ġestjoni ta' flussi kbar ta' rifuġjati u migranti. Aktar kmieni din is-sena, daħal fis-seħħ Ftehim ġdid tad-WTO dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

Dawn l-eżempji huma evidenza tal-isforz globali ġdid għal kooperazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tal-globalizzazzjoni. L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha kellhom rwol importanti f'dawn il-kisbiet. L-UE nnifisha hija mudell ta' integrazzjoni regolata li rnexxiet, u b'hekk nistgħu nsostnu l-multilateraliżmu u ordni bbażata fuq ir-regoli.

3.2. ... iżda għandu jsir aktar fil-futur

Madankollu, **ir-regoli globali għadhom 'il bogħod milli jkunu kompluti**. Ċerti oqsma, speċjalment rigward l-ekonomija diġitali, bilkemm huma regolati. F'oħrajn, ir-regoli ma jipprovdux għal ambjent ekwu jew jindirizzaw suffiċjentement aġir dannuż u inġust, bħalma huma l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni, l-estrazzjoni ta' riżorsi, il-flussi finanzjarji illeċiti, sussidji dannużi tal-gvern jew dumping soċjali.

Aħna mhux biss neħtieġu li nħarsu l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli eżistenti waqt li niffaċċaw sfidi bla preċedent, iżda wkoll li niżviluppaw aktar. Sfidi futuri, partikularment f'dinja multipolari, se jkunu jeħtieġu li nkomplu u nsaħħu l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika biex niżguraw tkabbir b'saħħtu, sostenibbli, bilanċjat u inklużiv. Il-kooperazzjoni multilaterali mal-imsieħba globali tagħna tibqa' l-approċċ preferut tagħna. Għal dan il-għan, għandna nikkontribwixxu għat-tisħiħ u r-riforma ta' istituzzjonijiet multilaterali biex nagħmluhom aktar ġusti u aktar effettivi, sabiex jibqgħu parti mis-soluzzjoni. Madankollu, f'ordni globali dejjem aktar ikkontestat, aħna għandna nkunu wkoll lesti biex nimxu 'l quddiem permezz ta' kooperazzjoni ma' koalizzjonijiet iżgħar, filwaqt li nħallu l-bieb miftuħ biex jingħaqdu oħrajn meta dawn ikunu lesti li jagħmlu dan. Bl-istess mod, atturi mhux statali, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali jew NGOs għandhom ikunu involuti kif xieraq.

L-UE tista' tkompli tiegħu l-inizjattiva, billi tipprojetta l-valuri u l-interessi tagħha u tippromwovi "tellicqa sal-quċċata". **L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli** tipprovdi punt ta' referenza komuni biex nipprioritizzaw l-isforzi futuri għall-benefiċċju tal-prospertà, tal-pjaneta u tal-persuni madwar id-dinja, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

F'Ġunju 2017, l-UE se tadotta **Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp**, ġdid, li se jallinja l-politika tagħha għall-iżvilupp mal-Aġenda 2030. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ta' dinja globalizzata, l-isforzi għall-iżvilupp tal-UE jeħtieġ li mmorru lil hinn mill-għajnuna. Jinħtieġ li dawn jgħaqqdu l-investiment u l-kummerċ, il-kontribuzzjonijiet mis-settur privat, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, il-promozzjoni tal-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż akċenn partikolari fuq iż-żgħażaġh, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. **Il-Pjan ta' Investiment Estern** propost mill-UE huwa mistenni li joħloq sitwazzjonijiet bi gwadann għal kulħadd billi jrawwem tkabbir sostenibbli u impjiegi fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Dan se jgħin biex jittaffew il-pressjonijiet

migratorji u jinħolqu opportunitajiet ta' investiment għal kumpaniji Ewropej.

Diplomazija ekonomika Ewropea aktar integrata u aktar proattiva tikseb riżultati aħjar għaċ-ċittadini tagħna. L-UE u l-Istati Membri għandhom itejbu l-koerenza tal-politiki esterni u l-għodod biex irawmu t-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa u jsiru aktar effiċjenti fl-insewiment tal-interessi ekonomiċi tagħna barra mill-pajjiż. Skont il-pajjiż ikkonċernat, l-interessi tal-UE jistgħu jinkludu l-iżgurar ta' stabbiltà makroekonomika, l-appoġġ għal riformi ekonomiċi u soċjali ewlenin, jew l-indirizzar tal-ostakoli għall-aċċess għas-suq.

Id-Diplomazija Ekonomika teħtieġ aktar koordinazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji, bħall-Bank Ewropew tal-Investiment. L-użu tan-network wiesha' ta' Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja, għandu jgħin ukoll biex in-negozji Ewropej, b'mod speċjali l-SMEs, ikollhom suċċess fis-swieq globali. Din tista' ssir permezz ta' appoġġ aħjar biex naħtfu aħjar l-opportunitajiet maħluqa minn ftehimiet kummerċjali u ta' investiment, sabiex jingħelbu l-ostakli persistenti għall-aċċess tas-suq, jew nipromwovu proġetti kummerċjali strateġiċi pan-Ewropej. Tista' tinkludi wkoll l-involvement fl-istabbiliment ta' standards internazzjonali għal teknoloġiji ġodda, jew it-tisħiħ ta' organizzazzjonijiet Ewropej tan-negozju barra mill-pajjiż.

L-UE għandha tkompli tiżviluppa **aġenda għall-kummerċ u għall-investiment ibbilanċjata, ibbażata fuq ir-regoli u progressiva**¹⁵ li mhux biss tiftaħ is-swieq b'mod reċiproku iżda wkoll ittejjeb il-governanza globali fuq kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sikurezza alimentari, is-saħħa pubblika, il-ħarsien tal-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali. Dawn il-ftehimiet iridu jsostnu l-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri li jiksibu objettivi leġittimi ta' politika pubblika u jżommu l-istandards għoljin eżistenti tal-UE f'dawk l-oqsma¹⁶ sabiex kemm jipproteġu liċ-ċittadini tagħna kif ukoll jissalvagwardjaw lill-industrija tal-UE minn kompetizzjoni inġusta. Għandhom jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Ir-regoli ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali għandhom jibqgħu qasam li fuqu niffukaw. B'mod partikolari għandna nappoġġjaw mekkaniżmi aktar effettivi fil-livell globali għall-monitoraġġ u l-aġġustament

tal-politiki makroekonomiċi, l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa, l-iżgurar tal-istabbiltà tas-settur finanzjarju, l-eliminazzjoni tal-kapaċità żejda u s-sussidji tal-gvern, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ elettroniku, filwaqt li titħares il-privatezza, u tkun promossa konverġenza ta' standards tekniċi sabiex ma jibqgħux jaġixxu bħala ostakoli żejda.

Barra minn hekk, għandna nkomplu l-isforzi biex jitjiebu **l-istandards u l-prattiki soċjali u tax-xogħol**, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, iżda wkoll is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u s-settur privat. F'dan il-kuntest, is-sistemi ta' negozjar kollettiv għandhom jiġu promossi fuq skala globali.

Hemm bżonn li l-globalizzazzjoni ssir effiċjenti. Il-kummerċ jgħin lill-pajjiżi jsiru aktar produttivi permezz tal-ispeċjalizzazzjoni, iżda l-vera effiċjenza timplika wkoll li l-kostijiet esterni jiġu minimizzati, u t-tkabbir ekonomiku jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. It-tniġġis bħala riżultat tat-trasport u l-imballaġġ, il-konġestjoni tat-traffiku, u t-tnaqqis ta' riżorsi naturali prezzjużi huma eżempji ewlenin ta' dawn l-esternalitajiet.

Il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima iservi kemm biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, tingħata spinta lit-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa u wkoll joħloq opportunitajiet kummerċjali ġodda għan-negozji tal-UE, b'mod partikolari f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa. Dan jagħti vantaġġ kompetittiv lil daww l-industriji li diġà naqqsu l-marka tal-karbonju tagħhom. Il-prijorità issa hija li jiġu ffinalizzati r-regoli għall-implimentazzjoni tiegħu biex ikun żgurat li l-pajjiżi kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂.

Id-diplomazija kulturali hija parti integrali tal-politika barranija u ekonomika komuni tagħna. **Il-kultura Ewropea hija sors ewlieni ta' impjiegi u ta' tkabbir** filwaqt li l-iskambji kulturali u interpersonali jistgħu jħallu l-impatt tagħhom fuq il-globalizzazzjoni u jipromwovu l-valuri tagħna u l-identità Ewropea.

Bħala l-akbar suq uniku tad-dinja, l-akbar operatur tas-suq u investitur, u l-akbar fornitur ta' għajjnuna għall-iżvilupp, l-Ewropa tista' tagħti sura lir-regoli globali. Iżda biex tinżamm din l-influwenza fid-dawl ta' bidliet demografiċi, ekonomiċi u politiki, aħna se jkollna dejjem iżjed **ningħaqdu flimkien u nitkellmu b'vuċi waħda**. Sal-2050, l-ebda pajjiż Ewropew waħdu mhu se jkun fost l-ogħla 8 ekonomiji skont id-daqs¹⁷.

¹⁵ Il-Komunikazzjoni COM(2015) 497 tal-14 ta' Ottubru 2015 "Trade for All: Towards a more responsible trade and investment policy"

¹⁶ Ara l-Istrument Interpretattiv Konġunt dwar il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada u l-UE u l-Istati Membri tagħha – <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13541-2016-INIT/mt/pdf>

¹⁷ The world in 2050, PWC, February 2017

Hemm bżonn ta' proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet f'waqthom, trasparenti u inklużivi sabiex l-azzjoni kollettiva u internazzjonali tkun effettiva. L-UE għandha tkun kapaċi mhux biss tinnegozja ftehimiet wesgħin biex tindirizza firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet globali, iżda wkoll li tiżgura li dawn il-ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati u implimentati. Tibqa' l-kwistjoni dwar jekk l-istruttura istituzzjonali tal-UE hijiex totalment adattata għal din l-isfida. Dan se jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat wara l-opinjoni mistennija tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-kompetenza fil-ftehimiet kummerċjali¹⁸.

3.3. ... u l-UE għandha taġixxi biex terġà ġġib kundizzjonijiet ekwi

Filwaqt li tirrappreżenta l-ftuħ u l-kooperazzjoni, l-UE ma tistax tkun inġenwa fl-approċċ tagħha għall-globalizzazzjoni. Hemm sitwazzjonijiet fejn ir-regoli jeżistu, iżda dawn ma jiġux rispettati. It-tneħħija tad-diskrepanzi fir-regoli globali u ż-żieda fl-istandards jistgħu jieħdu ż-żmien. Sadanittant, l-UE għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-istrumenti sabiex terġà tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi u sabiex taġixxi b'mod deċiżiv kontra l-pajjiżi jew il-kumpaniji li jieħdu sehem fi prattiki inġusti.

Dan jibda b'**infurzar aħjar tal-ftehimiet u r-regoli eżistenti** f'oqsma bħall-kummerċ, l-istandards tax-xogħol, il-klima u l-protezzjoni tal-ambjent. L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għandha sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim vinkolanti li l-UE għandha tkompli tuża meta jkun meħtieġ. Bl-istess mod, għandha niżguraw li jiġu rispettati l-impenji tas-sħab fil-ftehimiet ta' kummerċ bilaterali u ta' investment. **L-infurzar b'saħħtu tar-regoli tal-UE tagħna stess** se jiżgura wkoll li l-kumpaniji kollha li jinsabu jew li huma attivi fl-UE li jiksru r-regoli jiġu sanzjonati b'mod effettiv. Dan għandu jsir f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għandu jsir aktar investment fil-**ġestjoni tar-riskju doganali tal-UE** sabiex jiġi ffaċilitat u aċċellerat il-kummerċ leġittimu tal-UE, filwaqt li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini billi jwaqqaf oġġetti foloz jew perikolużi milli jgħaddu mill-fruntieri tal-UE.

L-UE se tkompli wkoll l-isforzi tagħha biex tistabbilixxi regoli ġusti għall-protezzjoni tal-investimenti internazzjonali, filwaqt li tippermetti lill-gvernijiet jaħdmu favur l-oġġettivi politiċi leġittimi tagħhom. It-tilwim ma għandux jibqa' jiġi deċiż minn arbitraturi skont l-hekk imsejjaħ Mekkaniżmu ta' Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS). Għaldaqstant il-Kummissjoni pproponiet **Qorti Multilaterali tal-**

Investiment¹⁹ li toħloq mekkaniżmu ġust u trasparenti u dan qed jiġi diskuss mas-sħab tagħna.

Neħtieġu wkoll **strumenti għad-difiża tal-kummerċ**: dawn għandhom bżonn jiġu riveduti biex isiru aktar veloċi, aktar reżiljenti u aktar effettivi sabiex jindirizzaw id-dumping u s-sussidjar inġusti²⁰. B'mod simili, l-UE hija l-aktar suq miftuħ tad-dinja fis-settur tal-**akkwist pubbliku**, iżda l-kumpaniji tagħna mhux dejjem jibbenefikaw minn reċiproċità ta' aċċess għas-swieq ta' pajjiżi oħra. Il-proposta għal Strument ta' Akkwist Internazzjonali²¹ would address this. Swift action is necessary on these fronts.

L-aċċess miftuħ għall-**investment barrani** jibqa' prinċipju ewlieni għall-UE u sors ewlieni ta' tkabbir. Madankollu, dan l-aħħar ġie espress tħassib dwar l-investituri barranin, speċjalment intrapriżi tal-Istat, li jieħdu f'idejhom kumpaniji Ewropej b'teknoloġiji importanti għal raġunijiet strateġiċi. L-investituri tal-UE spiss ma jgawdux l-istess drittijiet li jinvestu fil-pajjiż li minnu joriġina l-investment. Dan it-tħassib għandhu jiġi analizzat bir-reqqa u għandha tittieħed azzjoni adegwata.

Il-kumpaniji Ewropej huma sħab ewlenin fit-tfassil tal-globalizzazzjoni u fit-twassil ta' eżiti pożittivi għal kulħadd. Hemm ħafna eżempji pożittivi ta' kif inwasslu tkabbir sostenibbli lill-azzjonisti, lill-impjegati u lill-komunitajiet li fihom joperaw. Madankollu, meta l-kumpaniji ma jiddux ir-responsabbiltajiet soċjali u ambjentali tagħhom bis-serjetà, dawn għandhom jinżammu responsabbli.

L-UE għandha tkompli tieħu azzjoni għal **ġustizzja u trasparenza fiskali**. Sa tmiem l-2017, l-UE se jkollha lista komuni ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx. Din se tipprovdi strumenti aktar b'saħħithom sabiex jiġi indirizzat l-evitar tat-taxxa estern u biex jiġu indirizzati l-pajjiżi terzi li jirrifjutaw li jaġixxu b'mod ġust. Il-Kummissjoni se tkompli tinnegozja wkoll regoli internazzjonali li ma jħallux lill-kumpaniji stabbiliti f'pajjiżi terzi jevitaw obbligi fiskali diretti u indiretti, filwaqt li b'hekk jissalvagwardjaw il-bażijiet taxxabli tal-Istati Membri.

¹⁹ Ara l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea dwar riforma multilaterali ta' sistema ta' soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment li ġiet immedija f'Diċembru 2016.

²⁰ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Towards a robust trade policy for the EU in the interest of jobs and growth", Ottubru 2016, u l-proposti tal-Kummissjoni COM(2013)191 u COM(2016)721 għar-Regolamenti li jemendaw ir-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea.

²¹ Ara l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2016)34 tad-29 ta' Jannar 2016.

¹⁸ Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Proċedura ta' Opinjoni 2/15.

4. IR-RISPOSTA INTERNA TAL-EWROPA: IL-BINI TA' REŻILJENZA PERMEZZ TA' KONDIVIŻJONI AĦJAR TAL-BENEFIĊĠI U PROMOZZJONI TAL-KOMPETITTIVITÀ FIT-TUL

4.1. Il-politiki soċjali u ta' edukazzjoni robusti huma essenzjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza u d-distribuzzjoni ġusta tal-ġid...

Iċ-ċittadini għandhom ikunu kunfidenti li l-gvernijiet tagħhom se jipproteġu u jmanċipawhom permezz ta' politiki soċjali robusti li huma parti essenzjali mit-tweġiba għall-globalizzazzjoni tagħna. Fis-27 ta' April, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa²². Għalkemm l-Ewropa diġà għandha l-aktar soċjetajiet ugwali u inklużivi fid-dinja, hemm bżonn li nsaħħu u nadattaw kontinwament il-politiki tagħna għall-futur u nindirizzaw l-inugwaljanzi permezz ta' politiki fiskali ġusti u moderni. Id-distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni, flimkien ma' protezzjoni soċjali effettiva se jgħinu lin-nies isibu impjieg diċenti u jadattaw għat-tibdil. B'mod aktar wiesa', ridistribuzzjoni ġusta u ekwa tal-ġid, kif ukoll investimenti ffokati li jrawmu l-inklużjoni soċjali ta' kategoriji aktar vulnerabbli ta' nies inklużi migranti, se tgħin biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali. Dawn huma eżattament il-kwistjonijiet li l-Kummissjoni tippromwovi li tindirizza bil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali²³. Tippromwovi boxxla biex ittejjeb l-impjieg u l-politiki soċjali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, biex tagħmilha aktar adatta għad-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni.

It-tagħlim tul il-ħajja huwa essenzjali għall-awtonomizzazzjoni. L-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja huwa mezz qawwi għar-ridistribuzzjoni tal-ġid f'soċjetà. Dan għandu jibda bi standard għoli ta' edukazzjoni bażika u aċċess għal taħriġ u żvilupp ta' ħiliet fl-etajiet kollha. Jeħtieġ li nsibu wkoll mezz iktar għodda kif nitgħallmu għal soċjetà li kulma jmur dejjem qed issir aktar mobbli u diġitali u nipprovdut t-taħlita tajba ta' ħiliet personali speċjalment l-intraprenditorija kif ukoll ħiliet diġitali robust. 90 % tal-impjegati kollha diġà jeħtieġu mill-inqas ċertu livell ta' ħiliet digitali²⁴. L-Ewropa qed ittejjeb il-ħiliet diġitali

tagħha, iżda jinħtieġ aktar progress²⁵. Dan, flimkien mal-għajnuna għal persuni li qed ifittxu impjieg, se jgħin liċ-ċittadini jadattaw għal post tax-xogħol li dejjem jinbidel u għal karrieri aktar flessibbli.

Suq tax-xogħol modern u effettiv għandu jiffaċilita l-aċċess għal kulħadd għas-suq tax-xogħol. Il-politiki għandhom jipprovdu wkoll sigurtà xierqa tal-impjieg, sostituzzjoni tad-dħul, u xbieki ta' sikurezza xierqa għal dawk in-nies li jkunu għaddejjin minn tranżizzjoni diffiċli. L-aċċess għas-servizzi ta' kwalità għandu jiżgura opportunitajiet indaqs u inklużjoni soċjali. Dawn jistgħu jvarjaw minn kura tas-saħħa għal kura tat-tfal biex tiżied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, it-telexogħol, il-promożzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u biex ikun hemm titjib fl-opportunitajiet ta' impjieg għal persuni b'mobilità mnaqqsa.

Il-mod kif Stati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet soċjali huwa differenti ħafna. L-approċċi żviluppatti f'pajjiż, reġjun jew belt waħda mhux bilfors jaħdmu f'xi post ieħor. Bħalissa, l-UE u l-Istati Membri għandhom iktar jikkoordinaw il-politiki soċjali tagħhom mill-qrib, filwaqt li l-UE tista' tappoġġa wkoll l-isforzi nazzjonali u lokali dwar l-edukazzjoni. L-aħjar prattiki huma kondiviżi u s-sħab soċjali għandhom rwol importanti.

Is-sistema ta' taħriġ vokazzjonali tal-Ġermanja doppju tiżgura li l-istudenti jgħallmu l-ħiliet li huma verament meħtieġa mill-kumpaniji, u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, il-kumpaniji u l-istudenti.

Il-mudell Skandinav ta' Stat soċjali bbażat fuq il-flessigurtà jilħaq bilanċ bejn swieq ta' impjieg flessibbli u tranżizzjonijiet sikuri bejn l-impjegati, sabiex ikunu jistgħu jinħolqu aktar impjieg u impjegati aħjar.

Is-sistema ta' tagħlim elettroniku fl-iskejjel tal-Estonja²⁶ qed tipprepara ġenerazzjoni futura li se tkun aktar kapaċi u esperta fil-qasam teknoloġiku. L-użu tat-teknoloġija diġitali ppermetta lill-Estonja tkun fl-oġġla post fil-klassifikazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA).

²² Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea, COM(2017)206, 26 April 2017.

²³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM(2017)250, is-26 ta' April 2017. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, C(2017)2600, is-26 ta' April 2017.

²⁴ European Digital Progress Report (EDPR) 2017, SWD (2017) 160.

²⁵ Mill-inqas 70 % tal-popolazzjoni għandha ħiliet diġitali bażiċi jew avvanzati fil-Finlandja, fil-Lussemburgu u fir-Renju Unit, meta mqabbla ma' inqas minn 40 % fl-Italja, f'Ċipru, fil-Greċja, fil-Bulgarija u fir-Rumanija, European Digital Progress Report 2017.

²⁶ Skont il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA), kejl globali ewlieni għall-edukazzjoni, kompilar mill-OECD, ir-riżultati ta' studenti ta' 15-il sena Estonjani huma l-aħjar fl-Ewropa u fost l-aħjar fid-dinja kollha (sors: PISA 2015).

Fil-livell tal-UE, l-implimentazzjoni tal-Pilastru fil-proċess tas-Semestru Ewropew se twassal għal adozzjoni aħjar tal-impatti distributtivi ta' politiki strutturali biex it-tkabbir isir aktar inklużiv. Politiki fiskali u strutturali adegwati mill-Istati Membri għandhom ukoll rwol ewlieni. Il-fondi strutturali u ta' investiment tal-UE jistgħu jgħinu wkoll biex jippromovu l-investimenti essenzjali għat-titjib tal-infrastruttura, l-innovazzjoni jew għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-kapital uman u tal-impjieg. Huwa essenzjali li l-UE tibqa' Unjoni ta' Stati soċjali moderni u attivi. Is-solidarjetà mhijiex biss valur fundamentali tal-UE, iżda hija wkoll essenzjali għall-koeżjoni soċjali f'ekonomija miftuħa.

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSE, FEŻR u FAEŻR) jinvestu EUR 34.5 miljun (EUR 49.2 biljun inklużi kontribuzzjonijiet nazzjonali) fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. **Il-Fond ta' Aġġustament tal-Globalizzazzjoni** jgħin lill-ħaddiema spustati jsibu impjieg ieħor jew jibdew in-negozju tagħhom permezz ta' kofinanzjament tal-attivitajiet bħall-assistenza fit-tfittix, il-konsulenza dwar il-karriera, it-taħriġ mill-ġdid, il-mentoraġġ u l-ikkowċjar, l-intraprenditorija u l-appoġġ għall-introjt. Mill-ħolqien tiegħu fl-2007, il-FEG għen 140 000 ħaddiema li tilfu xogħolhom. Dan huwa eżempju tanġibbli tas-solidarjetà tal-UE fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni fil-livell tal-impjiegi u dak soċjali. Għandu jkun hemm ħsieb biex l-istrument isir aktar operattiv sabiex jiżgura skjerament rapidu f'każ ta' għeluq ta' fabbrika, u aktar flessibbli sabiex jippermetti li jappoġġja firxa aktar wiesgħa ta' azzjonijiet ta' żvilupp ekonomiku mill-attenzjoni attwali fuq il-ħaddiema affettwati. Meta jsir dan, huwa importanti li jitnaqqas id-distakk bejn il-miżuri ta' terminu qasir u l-istrategġiji ta' konverżjoni fit-tul appoġġjati mill-politika ta' koeżjoni.

4.2 ... filwaqt li jenħtieġu sforzi kbar biex l-Ewropa ssir ekonomija kompetittiva u innovattiva...

Il-politiki ridistributtivi li jiżguraw benefiċċji għal kulħadd jeħtieġu investimenti sinifikanti mill-gvernijiet, li min-naħa tagħhom jistgħu jiġu ffinanzjati biss minn ekonomija kompetittiva li tkun sejra tajjeb. Hemm bżonn li l-politiki jgħinu lin-negozji jinnovaw b'mod kontinwu. Huwa biss permezz tal-ħolqien ta' prodotti u servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet li jevolvu tal-konsumaturi li dawn ikunu jistgħu jmorru tajjeb fis-swieq globali u joħolqu l-prospertà u l-impjieg.

Dan jitlob viżjoni għall-futur biex l-ekonomija tagħna tiġi modernizzata billi nħaddnu d-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni teknoloġika u soċjali, id-

dekarbonizzazzjoni u l-ekonomija ċirkolari. Anki jekk l-ekonomija tagħna qed issir dejjem aktar bbażata fuq is-servizzi, l-industrija tibqa' pilastru importanti. Hija wkoll sors importanti għal impjiegi, timla s-segment tan-nofs tas-suq tax-xogħol u tgħin biex tevita polarizzazzjoni soċjali. Għaldaqstant jeħtieġ li nimmodernizzaw l-ekonomija billi nieħdu azzjonijiet konkreti fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri, reġjonali u lokali (ara l-Grafika 8). Dan ma jfissirx li industriji li sejr in lura jinżammu ħajjin b'mod artifiċjali; minflok għandha ninvestu aktar fl-industrija u fil-ħaddiema tal-futur, niffokaw fuq teknoloġiji tal-manifattura u s-servizzi (ta' dejta) industrijali relatati. Is-Suq Uniku Diġitali Ewropew²⁷ u l-istrategġiji ta' innovazzjoni Ewropej għandhom jgħinu lill-kumpaniji Ewropej sabiex dawn isiru atturi globali u jadattaw malajr mat-tendenzi teknoloġiċi ġodda.

L-elementi essenzjali huma:

- **Innovazzjoni:** L-Istati Membri tal-UE u r-reġjuni tagħhom għandhom javvanzaw fil-katina tal-valur u jisfruttaw il-vantaġġi komparattivi tagħhom. In-negozji l-ġodda u l-innovaturi fir-reġjuni tal-UE għandhom ikunu f'kollaborazzjoni mal-atturi ewlenin sabiex ikunu jistgħu jinserixxu ruħhom fil-ktajjen tal-valur globali. Il-benefiċċji tal-produttività tat-teknoloġiji innovattivi għandhom jiġu mifruxa għal kategoriji aktar wiesgħa tal-ekonomija. Il-mexxejja teknoloġiċi huma ħames darbiet aktar produttivi minn kumpaniji oħrajn, filwaqt li anqas minn 20 % tal-SMEs li jimmanifatturaw jużaw teknoloġiji avvanzati, għalhekk hemm bżonn li jsir aktar sabiex id-diffużjoni tagħhom ssir aktar malajr.

AREUS huwa proġett kofinanzjat mill-UE (Orizzont 2020) li huwa ffokat fuq it-tnaqqis tat-telf tal-enerġija u fuq l-ottimizzar tal-użu tar-riżorsi fil-manifattura robotizzata. L-eżitu ewlieni tiegħu huwa netwerk intelliġenti tal-enerġija li jiffranka kemm l-enerġija, kif ukoll il-materjali. B'mod ġenerali, dan jista' jiffranka 5-9 % tal-konsum tal-enerġija ta' fabbrika u potenzjalment sa 20 %. L-Italja, il-Latvja, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Finlandja qed jieħdu sehem f'dan il-programm.

Skont l-**Inizjattiva Vanguard**, 30 reġjun Ewropew ikkollaboraw fl-investiment fl-innovazzjoni, pereżempju l-iżvilupp ta' proġetti, f'kollaborazzjoni mal-industrija, li jużaw teknoloġiji tal-istampar 3D biex joħolqu komponenti tal-metall li huma ħafna iktar ħfief u flessibbli.

²⁷ Ara l-Istrategġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, COM(2015)192

Fil-**Belġju**, eżenzjoni fiskali għal persunal tar-riċerka u l-iżvilupp hija disponibbli u din twassal għal tnaqqis effettiv tal-kostijiet tal-impjeg għar-riċerkaturi.

SME Portugiża żviluppat app li tippermetti li x-xerrejja jiskenjaw il-prodotti biex jevitaw kjuwiziet għall-kaxxiera u jgħaqqdu l-listi tax-xiri mat-tqassim tal-ħanut. B'finanzjament ta' EUR 1,2 miljun permezz tal-Orizzont 2020, din espandiet internazzjonalment u għandhom uffiċċji f'Porto, Berlin u San Francisco.

Barċelona, Amsterdam, Copenhagen, Pariġi, Berlin, Liżbona u bosta bliet Ewropej oħrajn żviluppaw **politiki ta' innovazzjoni urbana** sabiex joffru uffiċċji b'kostijiet baxxi, appoġġ għall-inkubaturi, konsulenza b'xejn għall-imprendituri jew programmi li jappoġġaw il-komunitajiet tal-imprendituri.

- **Investiment:** L-iżgurar tal-aċċess tal-kumpaniji innovattivi għal finanzjament, il-provvista ta' oqfsa regolatorji li jiffavorixxu l-investiment u l-iżvilupp ta' infrastruttura kritika, li tinkludi s-settur diġitali, l-enerġija u t-trasport. L-istituzzjonijiet tas-settur privat jistgħu jaħdmu flimkien mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tista' tgħin biex iżżid is-sorsi ta' finanzjament għall-imprendituri u l-kumpaniji innovattivi.

Il-**Pjan ta' Investiment għall-Ewropa** qed jagħti riżultati konkreti. Mill-bidu ta' April tal-2017, dan appoġġa investiment totali ta' EUR 183,5 biljun. Dawn it-tranżazzjonijiet ikopru t-28 Stat Membru u huma mistennija jibbenefikaw minnhom 388 000 SMEs u midcaps.

B'baġit ta' EUR 42 biljun, il-**Banque Publique d'Investissement** Franċiż (BPI) jappoġġa l-ħolqien ta' negozji ġodda innovattivi billi jipprovdi kapital inizjali għall-imprendituri u diġà kkontribwixxa għas-suċċess ta' diversi inizjattivi fis-settur diġitali.

- **Politiki settorjali**²⁸: Prijorità ewlenija hija t-tiżiħ ulterjuri tat-tranżizzjoni Ewropea lejn ekonomija diġitali, dekarbonizzata u aktar ċirkulari, biex l-SDGs jiġu integrati għalkollox fil-politika Ewropea u japprofondixxu b'mod drammatiku s-Suq Uniku Diġitali sabiex jistabbilixxu regoli u standards tal-UE komuni, biex iħeġġu l-investiment fit-teknoloġiji tal-futur.

Il-**Komunikazzjoni dwar l-aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva**²⁹ tipprovdi regoli u rakkomandazzjonijiet ċari tal-UE biex jgħinu liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-pajjiżi tal-UE jibbenefikaw bis-sħiħ mill-mudelli kummerċjali ġodda u jippromwovu l-iżvilupp bilanċjat, pereżempju l-pjattaformi ta' crowdsourcing tat-trasport jew tal-kiri tad-djar.

Bis-saħħa tal-politika tagħha biex tillimita t-traffiku motorizzat u tagħti prijorità lill-persuni mexjin, liċ-ċiklisti u lit-trasport pubbliku, il-belt ta' **Ljubljana** ingħatat it-titlu tal-Belt Kapitali Ekoloġika Ewropea tal-2016. It-tkabbir ekonomiku ta' 8 % fl-2016 kiser ir-rekords annwali preċedenti kollha, megħjun bit-titjib fl-opportunitajiet ta' investiment u fil-kundizzjonijiet tal-produttività li rriżultaw mill-iżvilupp infrastrutturali sostenibbli li attira t-turiżmu u ffaċilitah.

- **Regolamentazzjoni u tassazzjoni:** Il-mudelli kummerċjali l-ġodda għandhom jappoġġaw l-intraprenditorija filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Il-livelli kollha ta' tfassil tal-politika għandhom jiżguraw li l-ambjent regolatorju jkun sempliċi u ta' appoġġ għall-imprendituri, speċjalment l-SMEs. Dan ma jfissirx deregolamentazzjoni jew ġirja lejn l-aktar livell baxx, iżda jfisser regolamentazzjoni intelliġenti. B'mod parallel, il-gvernijiet għandhom jiżguraw li l-politika fiskali għadha rilevanti fid-dawl tad-diġitalizzazzjoni u ta' mudelli kummerċjali ġodda, u li l-kumpaniji jħallsu t-taxxi tagħhom meta fil-fatt ikun hemm il-profitti.

Fil-qafas tal-**Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tagħha**, il-Kummissjoni qed tagħmel l-operazzjonijiet kummerċjali aktar faċli u irħas billi tissimplifika l-liġijiet u r-regolamenti fil-livell tal-UE. Liġi Ewropea unika għall-protezzjoni tad-dejta li ġiet adottata f'April 2016 se tissostitwixxi 28 liġi nazzjonali u twassal għal iffrankar stmat sa EUR 2,3 biljun fis-sena. Il-liġi l-għdida tal-UE tfisser benefiċċji diretti għaċ-ċittadini permezz ta' protezzjoni aħjar tad-dejta personali u għan-negozji, li se jaraw tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi tagħhom u li se jkun jistgħu topera b'qafas leġiżlattiv uniku fl-Unjoni kollha.

Grazzi għall-ambjent regolatorju sempliċi u intelliġenti tagħha, **id-Danimarka** ġiet klassifikata

²⁸ Eż. fil-qasam tal-industrija intensivi fl-enerġija, il-katina tal-provvista tal-ikel, l-industrija spazjali jew l-industrija tal-karozzi.

²⁹ COM(2016) 356.

konsistentement fost l-aqwa tliet³⁰ pajjiżi fid-dinja għall-faċilità biex tagħmel negozju. Il-possibiltà li kważi kull proċedura tista' ssir onlajn tqiegħed lill-pajjiż fost l-aktar pajjiżi b'amministrazzjoni kummerċjali effiċjenti.

It-tfassil korrett ta' dawn il-politiki fis-**suq intern** tal-UE, li huwa l-akbar fid-dinja, se jipprovdi opportunità għall-kumpaniji Ewropej biex jespandu n-negozju tagħhom globalment. Ir-rinforzar tas-Suq Uniku jinvolvi kemm li jittieħdu azzjonijiet ta' politika u ta' infurzar fil-livell tal-UE u tal-pajjiżi, kif ukoll li wieħed joqgħod lura milli jibni ostakli ġodda, bħal fis-settur tal-bejgħ bl-imnut. Sabiex jiġi żgurat ambjent kummerċjali favorevoli u jissaħħu l-ekonomiji tal-Istati Membri, is-Semestru Ewropew għandu jibqa' mekkaniżmu għall-koordinazzjoni politika fl-UE. L-Istati Membri għandhom jużaw politiki għat-titjib tal-produttività, it-trawwim tal-inklużività, u għandhom jidderieġu aktar riżorsi tagħhom lejn l-investiment fl-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-muturi tal-kompetittività fuq żmien twil.

4.3. ... fi sħubija mill-qrib ma' reġjuni b'aktar setgħa

Filwaqt li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni huma mifruxa b'mod wiesa', il-kostijiet ta' spiss huma lokalizzati. It-trasformazzjoni ekonomika fundamentali sseħħ fil-livell lokali, fejn hemm interazzjoni bejn l-industrija u n-nies. Hemm bżonn, għalhekk, li aħna nindirizzaw il-bżonnijiet ta' investiment reġjonali u lokali, id-diskrepanzi fil-ħiliet u l-ostakli regolatorji biex jiġi żgurat li r-reġjuni kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-suq intern u jħejju ruħhom aħjar għall-isfidi tal-globalizzazzjoni. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, flimkien mal-kontribuzzjonijiet nazzjonali, jipprovdu EUR 67,6 biljun biex jappoġġjaw żoni bi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti li jibnu fuq il-kapaċitajiet tagħhom, jgħinuhom jogħlew fil-ktajjen tal-valur, u jstimulaw is-settur privat u jimmiraw investimenti dwar prijoritajiet u sfidi ewlenin, filwaqt li jipprevjenu l-eżodu ta' mħuħ u l-eżodu rurali. F'diversi każijiet, din it-tranżizzjoni mhux bilfors timplika trasformazzjoni ta' tfixkil u trasformazzjoni b'teknoloġija avvanzata iżda minflok innovazzjoni aktar inkrementali li tiżgura futur ukoll għal industriji aktar tradizzjonali.

Ir-raggruppamenti tal-innovazzjoni li jgħaqqdu flimkien lill-kumpaniji, l-universitajiet, in-negozji ġodda, l-investituri u l-gvernijiet lokali jridu jkomplu jiġu

żviluppanti u konnessi mal-Ewropa kollha. Diversi reġjuni Ewropej huma f'pożizzjoni tajba biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mill-globalizzazzjoni. Iżda oħrajn jaffaċċjaw riskju ogħla ta' telf kbir ta' impjiegi riżultat tal-kompetizzjoni internazzjonali u tat-tibdil teknoloġiku. Wieħed jista' jsib reġjuni vulnerabbli mal-Ewropa kollha, iżda l-maġġoranza tagħhom jinsabu fin-Nofsinhar tal-Ewropa jew fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u huma fiċ-ċentru tal-politiki tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività u jsaħħu r-reżiljenza.


Wara l-falliment ta' manifattur kbir tal-karozzi Żvediż f'Diċembru 2011, aktar minn 3 000 persuna tilfu l-impjieg tagħhom fil-belt ta' Trollhättan fin-nofsinhar tal-Iżvezja. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni interviena biex jipprovdi EUR 5,4 miljun biex jgħin lil 1 350 ħaddiem issensjati mill-kumpanija u 16 mill-fornituri tagħha. Minn dak iż-żmien sa issa, il-belt issieltet u naqset il-qgħad bi kwart minkejja s-sensji. Il-qgħad illum huwa saħansitra aktar baxx milli kien qabel, għax naqas minn 16 għal 12 %. Dan is-suċċess huwa grazzi għall-ispirtu intrapreditorjali b'saħħtu f'setturi bħall-bini, it-trasport u l-ajrupazju. Ġew imwaqqfa ħafna kumpaniji ġodda u jimpjegaw madwar 1 000 persuna. Dawk li tkeċċew minn Saab ingħataw il-possibbiltà li jistudjaw mingħajr ma jtilfu l-benefiċċji tal-qgħad tagħhom, allura ħafna minnhom ħatfu l-opportunità biex jitħarrġu għal karriera ġdida.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali wkoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-komunitajiet rurali li huma f'riskju li jitħallew lura mill-globalizzazzjoni jew mit-tibdil demografiku. Politika Agrikola Komuni moderna għandha rwol ewleni fl-inkoraġġiment tal-kompetittività fis-setturi agroalimentari u fl-integrazzjoni b'suċċess fis-swieq internazzjonali permezz tal-promozzjoni ta' standards għoljin.

Li nagħmlu l-ekonomija Ewropea aktar kompetittiva, sostenibbli, reżiljenti għall-globalizzazzjoni u li niżguraw li din tiġġenera r-riżorsi meħtieġa sabiex tkun żgurata distribuzzjoni aktar ġusta tal-benefiċċji tagħha, hija reponsabbiltà kondiviża tal-livelli kollha tal-gvern.

³⁰ Il-Bank Dinji - Doing Business 2017.

Grafika 8: L-isfruttar tal-globalizzazzjoni – komputu kondiviż



Sors: il-Kummissjoni Ewropea

5. KONKLUŻJONI

Il-kooperazzjoni ekonomika globali msaħħa u l-progress teknoloġiku joħolqu opportunitajiet u sfidi, tamiet u biżgħat. Filwaqt li l-fatti juru li l-ekonomija, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej għadhom qed igawdu ħafna mill-globalizzazzjoni, dawn il-benefiċċji la huma awtomatiċi u lanqas ma huma distribwiti b'mod indaqs fost ir-reġjuni Ewropej u ċ-ċittadini tagħna.

Il-biżgħat huma daqstant ieħor tanġibbli u f'xi każijiet hemm raġunijiet ġustifikati. Il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika assoċjata se jittrasformaw il-ħajjiet tagħna b'ħeffa bħal qatt qabel. Dan il-proċess mhuwiex se jkun mingħajr intoppi, iżda mhux se jitwaqqaf jew jitreġġa' lura. Il-kwistjoni issa hija jekk l-Ewropea tistax issib fehim komuni dwar it-triq 'il quddiem għall-ġestjoni effettiva ta' din it-trasformazzjoni.

Xi wħud iridu jwaqqfu aktar nies milli jidħlu, anki fil-fruntieri nazzjonali proprji. Huma jqajmu dubji wkoll dwar il-fatt jekk is-Suq Uniku jippermettix wisq moviment liberu tal-merkanzija, servizzi, kapital u xogħol fl-UE. Iżda li titreġġa' lura l-integrazzjoni Ewropea ma jwassal għal ebda progress.

L-EU-27 tibqa' l-akbar operatur tas-suq u investitur u fornitur tal-ġajjn għall-iżvilupp tad-dinja. Aħna integrati fil-fond fi ktajjen ta' valur mondjali u se jkompli jkollna piż anki jekk jitfaċċaw qawwiet oħra. Minflok nibqgħu lura u nħallu l-globalizzazzjoni ssawwar id-destin tagħna, għandna l-opportunità li nsawru l-globalizzazzjoni skont il-valuri u l-interessi tagħna stess.

L-evidenza ppreżentata hawnhekk turi b'mod ċar li l-globalizzazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju fejn tiġi ġestita b'mod xieraq. Barra mill-UE, diplomazija ekonomika Ewropea effettiva se tgħin biex tikkontribwixxi għas-sett ta' regoli globali u tiżgura li l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikbru fi swieq internazzjonali li qed jikbru malajr. Is-suċċess kontinwu tagħhom se jipproduċi aktar

impiegi għaċ-ċittadini tagħna f'pajjiżhom. Bl-istess mod, ma għandniex noqogħdu lura milli nieħdu miżuri biex jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti fejn dan huwa mhedded.

Fi ħdan l-UE, ir-regoli komuni jirregolaw l-akbar swieq uniċi u jiżguraw standards għoljin. Id-ditti li joperaw f'ekosistemi domestiċi innovattivi u adattivi, bħall-*Mittelstand* Ġermaniż jistgħu jiffjorixxu fis-swieq globali. L-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja, bħal fil-Finlandja jew fl-Estonja, jagħtu liċ-ċittadini l-ħiliet u r-reżiljenza li jeħtieġu biex jadattaw b'mod effettiv. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol u politiki ta' ridistribuzzjoni effettivi jiżguraw koeżjoni soċjali u jgħinu sabiex tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali – bħal fid-Danimarka, fl-Iżvezja u f'postijiet oħrajn.

Il-ġestjoni tal-globalizzazzjoni, għalhekk, tibda fil-livell lokali. L-Ewropa trid taqşam il-benefiċċji tal-globalizzazzjoni b'mod aktar ġust u konformi mal-prinċipji tagħna ta' solidarjetà u sostenibbiltà. L-UE għandha tkun ukoll ekonomija innovattiva u kompetittiva b'kumpaniji fuq quddiem u b'ċittadini li jistgħu jadattaw għat-tibdil u jiġġeneraw il-ġid meħtieġ biex jissapportja l-mudell soċjali tagħna.

L-istituzzjonijiet ma jistgħux jagħmlu dan waħidhom: dan għandu jkun sforz konġunt mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-gvernijiet nazzjonali, fil-parti l-kbira tagħhom huma responsabbli mill-istrumenti politiċi ewlenin. Ir-reġjuni, il-bliet u ż-żoni rurali għandhom kollha jadattaw ruħhom. L-UE tista' tappoġġa u se tappoġġa bl-istrumenti proprji tagħha.

Iċ-ċittadini tagħna jistennew risposti ċari dwar kif nistgħu naħdmu flimkien. Din hi r-raġuni għaliex id-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, mniedi mill-White Paper, huwa daqshekk importanti. Ewropa li taf fejn trid tmur tista' tgħin ukoll sabiex id-dinja ssir post aħjar għall-benefiċċju ta' kulħadd.



© L-Unjoni Ewropea, 2017

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

